# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR. DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. 9EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 21 ta' Mejju 1999**

**Numru 59**

**Citaz. numru 770/84 DS**

**Emanuel Camilleri**
**vs**
**Anthony Camilleri**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Gunju 1984 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi:

Billi fil-25 ta' April 1984 waqt li l-istanti kien isuq car Ford Taurus nru B-4156 f'Haz-Zebbug din sfat milquta f'habta mat-truck nru R-7161 u garrbet hsarat;

Billi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti;

Billi l-konvenut qed jichad responsabbilta ghall-incident;

talab lil din il-Qorti

1. Tiddkijarah responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li b'rizultat tal-istess sofra l-istanti;

2. Tillikwida d-danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. Tikkundannah ihallas lill-istanti l-ammont hekk dikjarat bhala dovut in linea ta' danni.

Bl-ispejjez, komprizi Lm1 tal-ittra interpellatorja u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

1. Illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-konvenut ma kienx responsabbli ghall-incident inkwistjoni liema incident sehh tort unikament tal-attur u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

2. Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali l-Avukat Dottor Philip Manduca mahlufa fit-18 ta' Marzu 1994;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

**L-andament tal-kawza**

Fid-19 ta' Gunju 1984 din il-kawza giet intavolata fil-konfront ta' certu Angelo Camilleri li wiegeb ghac-citazzjoni billi eccepixxa li ma kellu x'jaqsam xejn ma' l-incident in kwistjoni.

Fit-8 ta' Mejju 1985 inghata digriet li permezz tieghu gie nominat Dr. Clarence Busuttil bhala perit biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz. Huwa zamm seduta fl-24 ta' Lulju 1985 li fiha xehdu l-attur u l-mara tieghu.

Fl-10 ta' Dicembru 1985 l-attur ipprezenta rikors fejn, inter alia, talab il-korrezzjoni tac-citazzjoni billi isem il-konvenut jigi sostitwit bl-isem "Anthony Camilleri". Din it-talba intlaqghet u Anthony Camilleri fil-fatt gie notifikat bic-citazzjoni kif korretta u pprezenta l-eccezzjonijiet tieghu.

Fis-7 ta' Frar 1986 giet konfermata n-nomina ta' Dr. Clarence Busuttil bhala perit legali izda ma jirrizulta li sar l-ebda progress sakemm b'digriet tad-19 ta' Ottubru 1992 gie sostitwit ghalih Dr. Philip Manduca

li zamm tliet seduti li ghalihom ma attendiex il-konvenut u ghalhekk ghadda ghar-rapport.

Fit-18 ta' Marzu 1994 il-perit legali halef ir-rapport.

Fit-23 ta' Marzu 1994 il-konvenut ipprezenta rikors fejn qal li ma kienx qieghed jircievi id-dati tas-seduti ghax biddel l-indirizz u talab li l-process jigi rimess lill-perit legali biex ikollu d-dritt iressaq il-provi.

Fil-15 ta' Gunju 1994 inghata digriet wara l-adezjoni ta' l-attur fejn intlaqghet it-talba u l-perit legali awtorizzat jirrelata jekk ghandux ivarja l-konkluzjonijiet tieghu. Fil-fatt inzammu disa' seduti, il-perit legali pprezenta relazzjoni addizzjonali u l-kont relattiv inhareg fis-17 ta' Marzu 1998. L-attur gie notifikat bil-kont izda l-konvenut, nonostante zewg tentattivi f'dak li nghata bhala l-indirizz gdid tieghu mid-difensur tieghu (ara kopja ta' ittra a fol. 84, verbal tas-seduta peritali tat-30 ta' Settembru 1994 a fol. 55, u verbal fis-seduta tat-23 ta' Marzu 1999) baqa' ma giex notifikat bil-kont; fl-ewwel tentattiv ghar-raguni ndikata fir-riferta "no such address" u fit-tieni tentattiv ghar-raguni ndikata fir-riferta "ma sibtx dan l-isem ta' Triq Andrea Bogdan". Fil-fatt fis-seduta tat-23 ta' Marzu 1999 il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni finali ghall-21 ta' April 1999.

Jirrizulta li l-kont ghar-relazzjoni addizzjonali baqa' ma thallasx u wara li fil-21 ta' April 1999 ma deher hadd, il-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum (ara f'dar-rigward l-artikolu 670(b) tal-Kap 12).

**Il-Provi Prodotti**

Din il-kawza tirrigwarda incident awtomobilistiku li gara fil-25 ta' April 1984 bejn il-karrozza ta' l-attur Ford Taunus numru B-4156 misjuqa minnu go Triq Dun Karm Psaila, Zebbug u t-trakk numru B-7161 misjuq mill-konvenut.

L-attur xehed fl-24 ta' Lulju 1985 (fol. 12) u spjega li huwa kien qed isuq go Triq Dun Karm Psaila ghaddej fid-dritt. Kif wasal fit-T-Junction li kien fuq ix-xellug tieghu baqa' hiereg it-trakk go fih u gew bil-"front left corner" tieghu mal-"front right corner" tat-trakk. Kien ghaddej bi speed ta' xi 15 m.f.s.

Mill-banda l-ohra l-konvenut xehed fit-30 ta' Settembru 1994 u sostna li kien qed isuq go Triq Dun Karm Psaila u kien se jirriversja. Kien se johrog rasu biex jittawwal lura u hass hoss li skussah. Kien l-attur li baqa' diehel fuqu. Fil-hin ta' l-incident kien wieqaf. Huwa allega li l-attur kellu tarbija fuqu bejnu u l-isteering. Meta xehed in kontro-ezami fis-7 ta' Lulju 1995 sostna li lill-Pulizija kien qallu li l-attur kellu tarbija f'hogru. Qal ukoll li kien qed jirriversja bil-mod qisu wieqaf u bil-b ieba miftuha.

Missier il-konvenut, Angelo Camilleri, xehed fis-7 ta' Lulju 1995 u qal li kien bilqieghda fuq targa hdejn fejn saret il-habta ghax hu joqghod fi Triq Dun Karm Psaila. Qal ukoll li l-attur kellu tarbija f'hogru u ma ra lil hadd izjed hemm hekk. Il-konvenut kien hiereg bir-reverse u l-attur kien niezel min-nizla u baqa' diehel got-trakk.

Xehed ukoll Victor Camilleri, hu l-konvenut, fis-seduta tad-29 ta' April 1996. Huwa ma rax il-habta ssir izda spjega hekk: "Jiena rajt lill-konvenut tiela' bit-trakk; jiena kont warajh fil-pjazza; il-konvenut waqaf biex idawwar u smajna brake kbir u daqqa. Il-karrozza kienet niezla min-nizla. Smajt dak fil-karrozza qal li xi hadd irid imur ighid lill-mara. Din il-persuna li kienet qed issuq hareg u kellu tarbija f'idejh."

Fl-14 ta' Frar 1995 l-attur xehed mill-gdid u cahad li kellu tarbija f'hogru. Pero' qal li fil-karrozza quddiem kien hemm Frank Camilleri ta' tnax-il sena, neputi tieghu, u f'hogor dan Frank Camilleri it-tifla ta' l-attur Francette ta' erba' snin. Fuq is-seat ta' wara kien hemm mart l-attur u t-tifel taghhom ta' sentejn Mario. Cahad ukoll l-allegazzjoni li martu ma kenitx mieghu fil-karrozza.

Hawn ta' min jinnota li meta xehdet mart l-attur Maria Assunta Camilleri fl-ewwel seduta ta' l-24 ta' Lulju 1985, hija qalet li dakinhar kienet fuq is-seat ta' wara mat-tfal filwaqt li fil-front passenger seat kien hemm in-neputi tar-ragel. Dwar l-incident qalet li kif waslu fil-kantuniera hareg trakk ghal fuqhom. Ir-ragel taghha kien qed isuq bil-mod. Meta reghet xehdet fis-7 ta' Lulju 1995 hija spjegat il-pozizzjonijiet fil-karrozza fis-sens li Frank Camilleri kien quddiem flimkien ma' binthom u hija kellha lit-tifel Mario maghha fuq wara.

Xehed ukoll Frank Camilleri fis-seduta tal-21 ta' Lulju 1995 li qal li huwa kien riekeb quddiem u bejnu u zijuh l-attur kien hemm it-tifla ta' l-attur filwaqt li wara kien hemm iz-zija (mart l-attur) bil-baby. Spjega dwar l-incident li kienu nizlin in-nizla meta hareg it-trakk mill-kantuniera

bil-quddiem. Qal ukoll li it-tifla fl-ebda hin ma kienet f'hogor id-driver u meta gara l-incident sabet ruhha mbuttata taht id-dashboard.

**Konsiderazzjonijiet**

Fil-fehma tal-Qorti l-verzjoni tal-konvenut xejn ma hi verosimili. Huwa fil-fatt jipprova jaghti x'jifhem li l-manuvra tieghu kienet bdiet minn Triq Dun Karm Psaila. Din il-verzjoni hija mxejna minn xhud prodott minnu stess, cioe' huh Victor Camilleri. Minn dak li qal dan ix-xhud jidher li effettivament huwa minnu li l-konvenut dahal go Triq Dun Karm Psaila u dan ghamlu bl-iskop li jirriversja. Difatti Victor Camilleri jghid li ra lill-konvenut tiela' bit-trakk u waqaf biex idawwar. Li l-konvenut dahal fi Triq Dun Karm Psaila u b'hekk ostakola l-"flow of traffic" jista' jitqies anke korroborat minn dak riportat fl-okkorrenza esebita minn P.C. 222 John Mary Camilleri fil-21 ta' Lulju 1995 fejn insibu riportat:

"From enquiries carried out by the Police, it was established that car no. B-4156 was being driven along Dun K. Psaila Str, Zebbug, whilst truck no. B-7161 was coming from the opposite direction, when both vehicles collided." (sottolinear tal-Qorti)

Huwa wkoll inverosimili li persuna li jkun niezel minn Triq Dun Karm Psaila minghajr ostakoli quddiemu ma jarax trakk li allegatament ikun fil-linja ta' vista tieghu go l-istess triq u jibqa' diehel go fih minghajr l-ebda tentattiv biex jevadi l-istess trakk.

Mill-iskizz esebit (a fol. 92) inoltre jidher car li l-karrozza ta' l-attur kienet niezla fid-dritt u ghalhekk kien id-dover tal-konvenut li jassigura ruhu li jista' jdur jew jidhol minghajr perikolu ghal traffiku li jkun ghaddej fi Triq Dun Karm Psaila. U mill-iskizz ma jirrizulta l-ebda sinjal li jindika li t-traffiku niezel minn Triq Dun Karm Psaila ghandu jaghti l-precedenza lil traffiku iehor jew li ghandu b'xi mod jieqaf. Difatti l-formazzjoni ttat-toroq f'din il-lokalita' tista' titqies forma ta' T-junction fejn allura l-precedenza tinghata lit-"through road".

Rigward l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attur kellu tarbija f'hogru, haga li hi michuda kategorikament mill-attur kif korroborat anke minn martu u minn Frank Camilleri, il-Qorti ma tistax ma tosservax li huwa dejjem perikoluz li tfal zghar jithallew jirkbu vettura fuq quddiem, u dan ghall-inkolumita' taghhom stess. Dan ma jfissirx li dan il-fatt wahdu jista' b'xi mod jinfluwenza l-ezitu ta' din il-kawza peress li, apparti li, kif diga' ntqal, hemm ic-cahda tal-attur u l-korroborazzjoni tax-xhieda minnu prodotti, il-Qorti ma tistax tifhem kif, jekk verament il-konvenut indika

dan il-fattur lill-Pulizija li nvestiga l-incident, m'hemm xejn fir-rigward fl-okkorrenza. Kif del resto lanqas jissemma xejn fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut maghmula meta esebixxa n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu fis-6 ta' Janar 1986.

Ghaldaqstant il-Qorti hi soddisfatta li l-incident gara tort unikament tas-sewqan imprudenti tal-konvenut li qabad u sporga go Triq Dun Karm Psaila minghajr ma esplora sew it-triq u ghalhekk huwa responsabbli ghad-danni konsegwenzjali.

**Likwidazzjoni tad-danni**

L-attur qieghed jitlob in lineja ta' danni s-somma ta' Lm253, kwantu ghal Lm250 hsarat u Lm3 ghar-"road accident report". Fis-seduta tas-27 ta' Mejju 1993 l-attur xehed li s-surveyor ta' l-assikuraturi tal-konvenut stma l-hsara fis-somma ta' Lm250. Fis-seduta tas-7 ta' Lulju 1995 mart l-attur qalet li l-karrozza kienu xtrawha second-hand xi Lm470 u billi s-surveyor qal li ma tissewwiex giet skrappjata minghajr ma dahlu xejn taghha.

Id-danni pretizi ta' Lm253, apparti li gew konfermati mill-attur bil-gurament, ma gewx kontestati u fil-fehma tal-Qorti huma gustifikati. Ghalhekk in lineja ta' danni qed tigi likwidata s-somma ta' Lm253.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici, u

(1) tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni li, b'rizultat ta' l-istess, sofra l-attur,
(2) tillikwida d-danni fis-somma ta' Lm253, u
(3) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' Lm253.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut.

Grazio Galea
D/Registratur